# FEJQAN WIEHED MAGHMUL TNEJN ?

Li kieku jien kont Papa (ħaġa li setgħet ġrat, għax bin Adam jitwieled *tabula rasa,* jista' jsir l-akbar qaddis, u jista' jsir l-akbar xitan), kieku kont noħroġ liġi li kull familja Kattolika, għandha tgħaddi għaxar minuti kull jum, qari tal-Evanġelju. Tibda b'ta' san Mattew, taqra biċċa kull jum, u ttemm b'ta' san Ġwann. Imbagħad targa' tibda mill- ġ d i d minn ta' san Mattew, u tibqa' sejjer bħal qabel, bit-tlieta l-oħra. Għax l-Evanġelju huwa l-*Istatut,* j e w Qanûn, siesi u ewlieni, tal-ħajja tan-Nisrani u jeħtieġ li n-Nisrani jżommu dejjem quddiem għajnejh. Imma biex tkun taf sewwa l-Evanġelju x'fih, m'hux biż-żejjed li *taqrah* imma trid ukoll TIDRAĦ.

Għax, l-Evanġelju ta' min jistħajjlu xi għar kbir, qisu bħal Għar Dalam, b'ħafna rkejjen u mogħdijiet, drabi baxxi u mudlama, li ma tintebaħx bihom mill-ewwel; u meta tintebaħ b'xi waħda minnhom, qabel ma tidra l-għar sewwa, donnu l-ħejl ma jagħtikx li tidħol tara hemm ġewwa x'hemm. Issa, bħalli kieku, għad li hawn raxxa nies sewwa li għandhom il-Bibbja d-dar, u drabi jaqraw fiha; kemm minnhom intebħu li fl-Evanġelju ta' san Mark, fost o ħ r a j n , hemm dil-ħaġa għariba: minn fejqan wieħed li fejjaq Ġesù, il-kopisti aktarx li għamlu tnejn?... Mela!... Kien hemm wieħed raġel, *trux, ibkem,* u *agħma,* u Ġesù fejjqu; u fl-Evanġelju ta' san Mark, dan il-fejqan donnu li hu miktub darbtejn. Darba hemm miktub li Ġesù fejjaq wieħed *trux* u *ibkem,* u darba li fejjaq wieħed *agħma*! Dawn iż-żewġ ġrajjiet (li aktarx huma ġrajja waħda), miktubin: il-waħda kap. VII, versi minn 32 sal-aħħar, u l oħra kap. VIII, versi 22-26.

"Imma", xi ħadd isaqsi, "għaliex taħseb li dan hu fejqan wieħed magħmul tnejn?"

L-ewwel nett, qabbilhom ma' xulxin u ara int in-nifsek, kif il-kliem tagħhom xorta waħda: a), ġebulu l-marid, il-wieħed (l-ibkem), u ġebulu l-marid l-ieħor (l-agħma; b), talbuh imissu l-wieħed, u talbuh iqiegħed idejh fuqu (mela jmissu), l-ieħor; c), Ġesù ħadu għalih waħdu, l-wieħed; u ħadu għalih waħdu l-ieħor; d), fejjqu bir-riq, li wieħed, u fejjqu bir-riq lill-ieħor; e), Ġesù ried li ħadd ma jkun jaf fuq il-fejqan tal-ibkem, u hekk ukoll fuq il-fejqan tal-agħma... X'jidhirlek? Ħames egħmejjel bħal xulxin, xorta waħda, fil-ġrajja l-waħda u l-oħra!... Din qisha ma hix *kumbinazzjoni*! Għax *kumbinazzjoni* tkun waħda; l-aqwa tnejn; m'hux ħames *kumbinazzjonijiet* bħal xulxin, wara xulxin!

Issa, qabbel dan li kiteb san Mark ma' dak li kiteb san Mattew, kap IX, versi 32-34, li (lil Ġesù) ġebulu (1) wieħed ibkem, maħkum minn ruħ ħażina, u fejjqu; u l-Faresin qalu li kien fejjqu bil-qawwa tax-xitan. U mill-ġdid fil-kap. XII, versi 22-24 (2): ġebulu (1) wieħed, maħkum minn ruħ ħażina, AGĦMA u IBKEM (araħom, iż-żewġ fejqanijiet ta' san Mark!), u fejjqu, hekk li sar jitkellem u jara. U n-nies stagħġbu bih u faħħruh (qabbel dan ma' san Mark, VII, 37), u l-Faresin qalu li kien fejjqu bil-qawwa tax-xitan (ara wkoll Luqa, XI, 14). Mela, hemm ħafna x'jagħtik taħseb li dawn iż-żewġ ġrajjiet li semmejna, li huma miktuba fl-Evanġelju ta' san Mark, b'dak ix-xebħ

kollu li hemm bejniethom, huma ġrajja waħda, magħmula tnejn.

Imma, jekk inhu hekk, kif ġara dan, li fejqan wieħed sar tnejn, f'san Mark u f'san Mattew ukoll?

Kif ġara dan jiftiehem malajr, għax dan hu (sa fejn jidher) l-aktar mira-klu ċar li għamel Ġesù (3), għax lil dan ir-raġel, billi kien *ibkem, trux* u *agħma*, fil-pajjiż kull ħadd kien jafu; għax la darba kien ibkem għax kien trux, mela kien hekk minn twelidu (4). Fuq għaġeb bħal dan, ħaġa li tiġi minnha, Betsajda, fejn dak ir-raġel kien jinsab, qamet xewwiexa waħda, kull ħadd jitħaddet fuqu. Hekk il-ġrajja f'ħalq in-nies tbiddlet, u biż-żmien inħaseb li kienu tnejn li fejjaq Ġesù, wieħed ibkem, u ieħor agħma. U fl-Evanġelju baqa'-baqa' sa nkiteb hekk.

BEN JEHUŻA.

---

(1) Innota hawn il-kelma: "Ġebulu", xorta waħda bħal fl-Evanġelju ta' san Mark.

(2) Li dawn iż-żewġ mirakli fl-Evanġelju ta' san Mattew donnhom ġrajja waħda, juri l-kliem: "u ġebulu", fil-bidu; "kien maħkum minn ruħ ħażina," fin-nofs, u: "il-Faresin qalu li kien fejjqu bil-qawwa tax-xitan", fl-aħħar ta' kull wieħed.

(3) Kemm taħom ġewwa lil Faresin dan il-għaġeb, jidher għax warajh biddlu t-tattka; qalulu lil Ġesu': "Urina egħliem mis-sema!" Ara Mark, VIII, 11.

(4) Għax li ttarrax fi kburitu, ma kienx ikun ibkem; u li kieku tbikkem b'qatgħa, ma kienx ikun trux. Jien naf wieħed il-Palestina li kien tbikkem b'qatgħa; jisma' u jifhem kull ma tgħidlu. Kien tbikkem għax f'żogħru waqa' fin-nar.

# IŻ-ŻBIB.

Wieħed raġel wasal Franza minn Tunes, u meta n-nies tad-Dwana fettxewlu fil-bagalji, fost il-ħwejjeġ sabulu borza żbib, u qalulu li dak iż-żbib ma kienx jista' jdaħħlu ġewwa Franza, għax il-Liġi ta' hemm ma tħallix li jsir dan. "Imma nista' nħallas xi ħaġa dazju u ndaħħlu, jew nagħmel permess? "Le," qalulu. "Ma hemmx ebda tama. Ikollok tarmih". "U jien ma narmiħx!" wieġeb ir-raġel. "Trid nagħmlu mħatra li daż-żbib indaħħlu f'pajjiżkom, u quddiem għajnejkom?" "Nagħmlu!" qallu wieħed, u għamlu mħatra ta' ħames liri.

Għal hekk dak ir-raġel qagħad bil-qegħda hemm ġewwa d-dwana stess u beda jiekol iż-żbib, u waħda-waħda, kielu kollu. Imbagħad raġa' mar biex jidħol, u kellhom idaħħluh. "Kif daħal qallu dak tal-imħatra: "Ġib il-ħames liri!" "Il-ħames liri tiħomli int," qallu dak, "għax iż-żbib ma daħħaltux f'idi, imma daħħaltu xorta waħda, għax daħħaltu f'żaqqi!'

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Kelb il-emîr, hu emîr.* "Il-kelb tal-Prinċep, ukoll Prinċep." Qawl sabiħ u fih id-dawl. Il-kbarat jagħmlu li jridu ħadd ma jissogra jlumhom, huma u qrabathom u ħbiebhom, u saħansitra l-klieb tagħhom. Hekk hu ftit jew wisq kull imkien, imma l-aktar fl-artijiet tal-Għarab.

*Aża kân il-qamar magħak, la tbâl l-enġôm.* "Jekk għandek il-qamar miegħek, tħabbelx rasek fuq il-kwiekeb". Jiġifieri: jekk għandek lil xi ħadd kbir u qawwi li jaqbeż għalik, ħallihom jgħidu li jridu fuqek in-nies id-dgħajfa u l-baxxi.